MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Numru. 660/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Keith Arnaud**

**vs**

**Simon Spiteri**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Simon Spiteri ta' 39 sena, iben Joseph u Mary nee' Abela, imwieled il-Pieta' nhar il-31 ta' Lulju 1969, residenti Kirsim, Triq Wied Glavan, Xghajra u detentur tal-karta tal-identita' numru 35769(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Bejn Frar 2008 u April 2009, xjentement xtara jew laqa' ghandu oggetti misruqa li l-valur taghhom huwa izjed minn

elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), mehudha b'qerq jew akkwistati b' reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b' kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz in-nota tal-Avukat Generali datata 1 ta' Frar 2010 (esebita a fol. 99 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikoli 334(a), 334A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tas-7 ta' Jannar 2011, l-imputat iddikjara li huwa m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat jinsab addebitat b'imputazzjoni ta' ricettazzjoni ta' hames snieter li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' €2329.37. Mix-xhieda ta-Ufficjal Prosekutur u Nvestigattiv l-Ispettur Keith Arnaud[1] jirrizulta li f'April 2009 il-Pulizija kienet qed tinvestiga serqa li saret fil-21 ta' Frar 2008 mill-imhazen tad-Dwana, l-Marsa minn fejn kienu nsterqu tlettax il-senter li kellhom valur kumplessiv ta' madwar €95,000[2]. F'April 2009 il-Pulizija rceviet informazzjoni li l-imsemmijia serqa kienet giet imwettqa minn certu Mark Rizzo u Christopher

[1] Li xehed waqt l-udjenza tat-23 t'Ottubru 2009.
[2] Rapport tas-serqa inserit a fol. 16 sa 21 tal-atti processwali.

Shepherd u li uhud mis-snieter li nsterqu kienu fil-pussess ta’ certu Simon maghruf bhala r-‘Razzi’ minn Santa Lucija li kellu Volkswagen Golf ta’ kulur ahmar. Fit-8 t’Aprl 2009 il-Pulizija ghamlet tfitxija fir-residenza tal-imputat Simon Spiteri li rrizulta li kellu Volkswagen ta’ kulur ahmar bin-numru tar-registrazzjoni BBH 478 u huwa mal-ewwel ikkopera mal-Pulizija u qalilhom li kien ircieva hames snieter minghand Mark Rizzo. Huwa spjega lil Pulizija[3] li kien ilu jaf lil Mark Rizzo ghal zmien twil u li madwar sena u nofs qabel ma gie nterrogat mill-Pulizija huwa kien silef lil dan Rizzo s-somma ta’ Lm500 li dan Rizzo kien qallu li kellu bzonnhom sabiex ihallas xi multi tal-Qorti ghaliex altrimenti kien ser jispicca l–Habs. L-imputat spjega li Rizzo baqa’ ma hallsux lura dan l-ammont u wara hafna tentattivi sabiex jithallas lura Rizzo tah il-vettura tieghu sabiex izommha bhala garanzija ta hlas. L-imputat qal ukoll li ftit tax-xhur wara li tah il-vettura Rizzo cempillu u qallu sabiex jiltaqghu sabiex jiklerjaw id-dejn li kellu mieghu u huma fil-fatt iltaqghu hdejn il-Klabb tal-Bocci ta’ Santa Lucija fejn Rizzo wasal b’vettura u fetah il-luggage booth fejn kien hemm stivati diversi snieter fil-pockets u Rizzo qallu sabiex jiehu hamsa minnhom sabiex ipacu d-dejn li huwa kellu mieghu. L-imputat qal li wara li vverifika l-kundizzjoni ta’ dawn is-snieter u peress li kien qata’ qalbu li Rizzo qatt kien ser ihallsu lura s-somma ta’ Lm500 huwa accetta li jiehu dawn il-hames snieter bhala tpacija tad-dejn u qal li peress li huwa ma kienx dilettant tas-snieter wara ftit taz-zmien li kien ircevihom minghand Rizzo huwa ltaqa’ ma persuna li mbaghad laqqghatu ma persuna ohra li xtara s-snieter minghandu.  Meta tkellem mal-Pulizija l-imputat qalilhom li huwa seta’ jgibilhom lura dawn is-snieter li kien biegh u huwa gie rrilaxxjat bil-police bail u l-ghada filghodu kien ikkonsenja lura lil Pulizija hamest isnieter li huwa qal li kienu dawk illi kien ha bhala tpacija tad-dejn minghand Mark Rizzo. Id-dettalji ta’ dawn is-snieter huma ndikati fl-ircevuta rilaxxjata mill-Pulizija lill-imputat li tinsab inserita a fol. 22 tal-process.  Fl-istqarrija minnu rilaxxjata l-imputat qal li huwa kien jaf li sabiex izomm arma tan-nar ghandek bzonn licenzja tal-Pulizija izda qal li ma kienx staqsa lil Rizzo dwar il-licenzji tal-armi

[3] Ara stqarrija inserita a fol.  23 sa 25 tal-atti processwali.

jew talbu sabiex isir transfer tal-licenzji. Huwa qal ukoll li kien jaf x'tip ta' bniedem kien Rizzo ghaliex kien ilu jafu minn Rahal il-Gdid ghal hafna zmien.

Ikkunsidrat :

Illi meta l-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-18 ta' Frar 2011 huwa ta bejn wiehed u iehor l-istess verzjoni tal-fatti li kien ta a tempo vergine meta rrilaxxja l-istqarrija hlief li din id-darba prova jsostni li ma kienx jaf li jrid ikollok licenzja sabiex izzomm arma tan-nar.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri xehed Christopher Shepherd[4] fejn dan ikkonferma li kien involut flimkien ma' Mark Rizzo fis-serqa mill-imhazen tad-Dwana li saret fil-21 ta' Frar 2008 u minn fejn kienu nsterqu s-snieter li jiffurmaw il-mertu tal-kawza odjerna. Huwa kkonferma wkoll li kien akkompanja lil Mark Rizzo Santa Lucija fejn dan kien ikkonsenja uhud mis-snieter li kellhom fil-booth tal-vettura lill-imputat. Shepherd qal li huwa kien baqa' fil-vettura waqt li saret din il-konsenja izda qal ukoll li Rizzo kien dahaq bih ghaliex kien qallu sabiex ihalli f'idejh sabiex jiddisponi mis-snieter u li mbaghad kienu jaqsmu r-rikavat izda huwa spicca sabiex ma ha xejn.

Ikkunsidrat:

Illi kif intqal aktar il-fuq l-imputat jinsab addebitat b'imputazzjoni ta' ricettazzjoni ta' hames snieter. Wara li ezaminat il-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f'dan il-kaz il-Qorti jidrilha li jirrizulta pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat xjentement laqa' ghandu oggetti li kienu gejjin minn serq jew minn attivita' illecita. Il-Prosekuzzjoni fil-fatt irnexxilha tipprova li l-imputat kien fil-pussess tal-hames snieter li kienu gejjin mis-serqa tal-21 ta' Frar 2008 li saret mill-imhazen tad-Dwana. Il-pussess ta' dawn l-armi ftit wara li saret is-serqa da parti tal-imputat jirrizulta mix-

[4] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 60 sa 66 tal-atti processwali.

xhieda tal-Ispettur Keith Arnaud u tal-ufficjali tal-Pulizija l-ohra li akkompanjawh meta huwa ltaqa’ mal-imputat fejn dan ikkonsenjalu lura s-snieter misruqin u jirrizulta wkoll minn dak li qal l-imputat fl-istqarrija minnu rilaxxjata u min dak li qal meta ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri. Il-Qorti inoltre jidrilha li minn dak li xehed l-imputat kif ukoll min dak li huwa qal fl-istqarrija minnu rilaxxjata jirrizulta minghajr dubju li fil-mument li huwa laqa’ ghandu s-snieter minghand Mark Rizzo bhala tpacija tad-dejn li dan tal-ahhar kellu mieghu huwa kien jaf bil-provenjenza illecita ta’ dawn l-armi. Dan jinghad ghal diversi ragunijiet fosthom illi l-imputat ammetta li ma staqsa lil Rizzo ghall-ebda dokument jew licenzja tal-armi li kien qed jircievi u dan meta huwa stess qal li kien jaf li wiehed irid ikollu licenzja sabiex izomm arma tan-nar, jinghad ukoll ghaliex l-imputat qal li huwa kien jaf ben tajjeb x’tip ta’ bniedem kien Mark Rizzo u fil-fatt huwa kien selfu l-Lm500 sabiex ihallas multa sabiex ma’ jidholx il-Habs u jinghad ukoll ghaliex l-imputat ra kif ghamel sabiex iddispona malajr mill-armi u ma riedx jindika lil min kien bieghhom li fil-fehma tal-Qorti hija ndikazzjoni cara li l-imputat kien jaf bil-provenjenza illecita tal-armi u ghalhekk ried jiddisponi minnhom malajr u b’mod klandestin. Li kieku l-imputat ma kellu ebda dubju dwar il-provenjenza tal-armi li rcieva minghand Mark Rizzo bhala tpacija tad-dejn huwa ma kienx jipprova jiddisponi minnhom b’mod daqshekk klandestin u ta’ malajr.

Ghal finijet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali tista’ tghid netta kif ukoll il-fatt li huwa kkollabora bis-shih mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet fejn fil-fatt irnexxielu jirkupra u jikkonsenja lura l-armi in kwistjoni u ghalhekk il-Qorti jidrilha li m’ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-1 ta’ Frar 2010 u senjatament l-Artikoli 334(a) u 279(b) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ tlett (3) snin millum.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ €53.52 liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------